Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 38/2018

**Philip Forace (appellant)**

**Vs**

**L-Awtorita tal-Artijiet (appellat)**

25 ta' Marzu, 2019.

1. Ir-rikorrent appella minn sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tad-29 ta' Ottubru, 2018 li cahdet it-talba tieghu sabiex thassar id-decizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tad-29 ta' Frar, 2018 li biha giet michuda applikazzjoni ghall-hrug ta' 'No objection in principle' sabiex ipoggi *'tables and chairs arrangements over the footpath at Pjazza Sant Anna, Sliema'*. Il-Bord kien cahad it-talba *"peress li se jinholoq precedent u li l-Pjazza ghandha tibqa' ghall-uzu tal-pubbliku"*.

2. L-appellant ilmenta li:

    i. Fid-decizjoni tieghu t-Tribunal ma hax qies ta' hafna mill-argumenti u s-sottomissjonijiet maghmula mill-appellant, u kkunsidra l-fatti u l-ligi b'mod hazin, b'dana ghalhekk illi wassal ghal decizjoni hazina.
    ii. It-Tribunal accetta u ssanzjona l-agir diskriminatorju tal-Awtorita' fil-konfront tal-appellant u d-decizjoni kienet diskriminatorja kontra l-appellant.
    iii. Ghalkemm l-Awtorita tal-Artijiet ghandha l-amministrazzjoni tal-art pubblika dan ma kienx ifisser li setghet tiehu decizjonijiet mhux motivati b'ragunijiet validi u/jew tiehu decizjonijiet li b'mod attiv jiddiskriminaw kontra l-appellant.

3. L-appellata wiegbet u tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

4. Il-kaz hu wiehed semplici. L-appellant ghandu hanut fi pjazza Sant'Anna, Sliema u applika sabiex jinghata *'No Objection in Principle'* sabiex ipoggi siggijiet u mwejjed gewwa pjazza Sant'Anna, Sliema. B'decizjoni tat-23 ta' Marzu, 2018 l-appellata cahdet it-talba. Ir-rikorrent irid li fit-tarf tal-pjazza ipoggi sitt imwejjed bis-siggijiet. Fil-prezent fil-pjazza m'hemmx siggijiet u mwejjed ta' stabbilimenti.

5. Fis-sentenza t-Tribunal qal:

6. Il-qorti taqbel perfettament mar-ragunament tat-Tribunal u ma ssib fiha l-ebda nuqqas;

> *'Illi jirrizulta illi r-rikorrent ghandu stabbiliment li jikrih lil terzi li jiggestixxu minnu negozju tal-bejgh ta' ikel Tork, u ghalhekk jixtieq li min jixtri minghand l-imsemmi hanut ikun jista' joqghod jiekol dak li jkun xtara faccata tal-istess hanut. Illi t-Tribunal josserva illi mid-disinji esebiti mir-rikorrent stess hemm diversi bankijiet fejn persuni jistghu joqoghdu bilqieghda jieklu fil-pjazza. Veru li forsi ma jkollhomx mejda, pero` certament hemm diversi postijiet fejn jistghu joqoghdu bilqieghda. Illi r-rikorrent semma' li hu preokkupat li min jixtri l-ikel mill-istabbilment in kwistjoni jhammeg il-pjazza bil-karti li jkun fih l-ikel u li ghalhekk jekk ikun hemm l-imwejjed u s-siggijiet dan l-iskart jonqos. Illi dan it-Tribunal ma jarax li din hija raguni valida ghala ghandu jkun hemm imwejjed u siggijet fl-istess pjazza. Ghandha tigi mill-persuni li jixtru mill-istabbiliment tar-rikorrent jew kwalunkwe stabbiliment iehor li jzommu nadih l-ambjent ta' madwarhom u jarmu l-iskart fir-recipjenti appoziti.*
>
> *Illi jirrizulta illi l-intenzjoni tal-Awtorita` intimata ghall-imsemmija pjazza hija li din tithalla libera minn tqeghid ta' siggijiet u mwejjed. Fil-fatt dan huwa evidenzjat minn rifjut ta' applikazzjoni ohra intavolata fl-istess zminijiet li giet intavolata l-applikazzjoni odjerna fejn l-Awtoria` intimata wkoll irrifjutat lil taghti n-no objection taghha ghal talba ta' tqeghid ta' mwejjed u siggijiet fl-istess pjazza. Illi m'hemm xejn censurabbli dwar il-fatt li l-Awtorita` intimata hadet decizjoni li l-pjazza in kwistjoni tibqa' ghal uzu pubbliku u li ma tixtieqx tohloq precedent billi taghti koncessjonijiet simili ghal dawk mitluba mir-rikorrent.*
>
> *Illi dwar il-fatt li r-rikorrent jishaq illi fi pjazzez ohra, u wkoll ftit metri boghod hemm koncessjonijiet simili ghal dawk mitluba minnu, dan minnu nnifsu ma jikkreax xi obbligu fuq l-Awtorita` intimata li bilfors taghtih il-koncessjoni mitluba f'din il-pjazza partikolari. Dan dejjem sakemm l-Awtorita` intimata turi raguni valida ghaliex tkun harget ir-rifjut fil-kaz partikolari. It-Tribunal jifhem li r- rikorrent jista' jhossu urtat bid-decizjoni tal-Awtorita` intimata u mill-ottika tieghu jista' jkun li jikkonsidra li gie ddiskriminat, pero` t-Tribunal jirrileva illi l-ligi nnifisha timponi fuq l-Awtorita` intimata, qua amministratur tal-art pubblika, li tamministra l-art pubblika bl-ahjar mod possibbli. It-Tribunal ma jara l-ebda nuqqas ta' ragonevolezza li l-istess Awtorita` hadet decizjoni li din il-pjazza tamministraha bil-mod kif iddecidiet li tamministraha, u cioe` li thalliha ghat- tgawdija tal-pubbliku in generali minghajr ebda ingombru ta' mwejjed u siggijiet. Anzi, jirrizulta illi l-Awtorita imxiet b'konsistenza billi implimentat b'mod uniformi d-decizjoni taghha, w irrifjutat kull applikazzjoni ghat-tqeghid ta' mwejjed u siggijiet f'din il-pjazza. It-Tribunal jirrileva illi n-no objection in principle li ricentement nghatat favur l-Awtorita` ghat-Turizmu biex jitpogga kiosk digitali ghall-informazzjoni ta-turisti u tal-pubbliku in generali fil-pjazza in kwistjoni certament ma jistghax jigi paragunat mat-tqeghid ta' mwejjed u siggijiet fl-istess pjazza.*

*Illi t-Tribunal jirrileva illi l-operaturi tan-negozji jridu jifhmu illi m'ghandhom l- ebda dritt sagrosant illi ghaliex ghandhom stabbiliment necessarjament l-Awtorita` intimata trid takkomodahom u timmultiplikalhom is-seating capacity bil- koncessjonijiet fuq art pubblika. L-art pubblika hija art li ghandha titgawda minn kulhadd u jekk fil-passat inghataw certi koncessjonijiet ma jfissirx illi l-Awtorita` prezenti ma tistghax tirrevedi policies biex taqdi ahjar il-funzjonijiet taghha, fost ohrajn li tamministra bl-ahjar mod possibbli l-uzu tal-art pubblika. Dan dejjem sakemm din il-funzjoni tezercitaha b'mod gust u ragjonevoli'.*

7. L-appellant ma jistax jaghmel paragun ma' dak li qiegħed jigri fit-toroq u f'pjazez ohra, huma fejn huma. Illum Pjazza Sant'Anna, Sliema ma fihiex siggijiet u mwejjed. Hu evidenti li l-Awtorita' tal-Artijiet hadet decizjoni gusta u li taghmel sens li f'din il-pjazza ma jitpoggewx siggijiet u mwejjed ta' stabbilimenti. B'hekk kull parti minnha jkun jista' jitkompla jitgawda mill-pubbliku kollu minghajr kundizzjoni.

8. Il-paragun li qieghed jaghmel l-appellant m'huwiex ta' *like with like*. Paragun li seta' jsir li kieku fil-pjazza hemm operaturi ta' stabbilimenti ohra li l-appellata tathom *'No objection in principle'* sabiex fil-pjazza ipoggu siggijiet u mwejjed. F'dan il-kaz l-Awtorita kellha siggijiet u mwejjed fil-pjazza u mhux band'ohra. L-istat ta' fatt li hemm ftit metri 'l boghod mill-pjazza hu rrilevanti, kif inhu rrilevanti x'hemm fi pjazez ohra. Ghalhekk ukoll hu ghal kollox barra minn postu l-argument tal-appellant li qieghed jigi ddiksriminat mill-Awtorita tal-Artijiet.

9. Ghalkemm l-appellant ghamel riferenza ghal kuncett ta' *commitment*, mill-provi rrizulta li fil-kaz ta' Pjazza Sant'Anna ma jezisti l-ebda *commitment* favur it-tqeghid ta' siggijiet u mwejjed.

10. Il-presenza ta' gabbana tal-injam taht il-pjazza lanqas ma tista' tghin lill-appellant. Il-kaz in ezami ghandu x'jaqsam ma tqeghid ta' siggijiet u mwejjed fil-pjazza u mhux barra mill-konfini tal-pjazza. Ghalhekk f'dan ir-rigward ukoll il-kaz tal-gabbana m'huwiex kaz ta' *like with like*.

11. L-appellata kellha kull dritt, bhala l-Awtorita li tamministra l-gid tal-Gvern, li tiehu decizjoni li in principle f'dik il-pjazza ma tatix permess li jitpoggew siggijiet u mwejjed mill-istabbilimenti tal-ikel li hemm jaghti ghal fuqha. Sfortunatament hawn ideja zbaljata li ghaliex persuna jkollha stabbiliment tal-ikel, ghandha jedd li tinghata permess biex tpoggi imwejjed u siggijiet fi spazju pubbliku. Ovvjament ma jezisti l-ebda jedd simili.

12. Saret ukoll riferenza ghal *digital information kiosk* tal-Malta Tourism Authority li dwarha fil-25 ta' Lulju, 2018 l-appellata tat *'no objection in principle'*. Hawn ukoll dan m'ghandu x'jaqsam assolutament xejn ma' siggijiet u mwejjed ghal stabbiliment.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.